MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Numru 37/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
**V**

**OMAR AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **OMAR AGIUS** ta' ghoxrin sena bin George u Maria Dolores nee Bellizzi, imwieled Pieta nhar l-ghaxra ta' Dicembru 1982 u residenti 36, Sqaq l-Ajkla, Marsa detentur tal-karta tal-identita numru 4183M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2002, ghall-habta tat-tmienja w kwart ta' filghaxija gewwa l-istabbiliment Bamboo Bar, Triq Dragonara, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi:

1. Minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja fil-perikolu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Saviour Grima;

2. Talli voluntarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esbiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2005 [fol 108], sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta ta' nhar l-wiehed u tletin ta' Mejju 2005 [fol 127] li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2006, kif jirizulta mill-istess verbal a fol 166 tal-atti.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. Il-fatt li l-vittma hafer lil imputat ghal dak kollu li ghamillu;

2. Illi l-imputat ghamel tajjeb w ikkumpensa lil vittma ghad-danni sofferti minnu.

3. Li l-vittma ddikjara li m'ghandux aktar interss f'dawn il-proceduri kif jirrizulta min nota esibita a fol 164 tal-atti datata sittax ta' Novembru 2006 fejn iddikjara li ma fadallu ebda pretenzjojnijiet ulterjuri.

4. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 214, 216, 218 u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed ssib lil imputat OMAR AGIUS hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu kif minnu ammessi u tiddecidi li tikkundannah komplessivament ghal akkuzi li sabitu hati taghhom, ghal piena karcerarja ta' sentejn [2] sospizi ghal erbgha [4] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din s-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservaha u l-imputat iddkjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------